MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tas-26 ta' April, 2006

Citazzjoni Numru. 4/2004

Josephine sive Josette Stellini .

vs

John Mary sive Jimmy Stellini .

Il-Qorti ,

Rat iċ-ċitazzjoni li permezz tagħha l-attriċi, wara li ppremettiet :

Illi l-attriċi għandha tieħu mingħand il-konvenut is-somma ta' tlett'elef lira Maltin (Lm 3,000) dovuti lilha kemm skond skrittura privata li saret bejn il-kontendenti fis-sittax (16) ta' Awissu tas-sena elfejn u tnejn (2002) (dok A) kif ukoll skond skrittura fl-istess sens tat-tnejn (2) ta' Marzu tas-sena elfejn u wieħed (2001) (Dok B) ;

Illi s-somma ta' tlett'elef lira maltin (Lm 3,000) hi dovuta bħala bilanċ minn somma akbar ta' sebat'elef lira maltin

(Lm 7,000) illi l-konvenut obbliga ruħu li jħallas lill-attriċi ai termini tal-kuntratt tas-separazzjoni li sar fl-atti tan-Nutar Silvio Hili fil-wieħed u għoxrin (21) ta' Gunju tas-sena elf disa' mija disgħa u disgħin (1999)(dok C) :

Illi għalkemm il-konvenut ġie interpellat mill-attriċi b'ittra uffiċjali tad-dsatax (19) ta' Awissu tas-sena elfejn u tlieta (2003) sabiex jagħmel il-pagament tas-somma hawn fuq imsemmija, huwa baqa' inadempjenti ;

Illi dan id-debitu huwa wieħed ċert, likwidu u dovut u sa fejn taf l-attriċi l-konvenut m'għandu l-ebda eċċezzjoni x'jagħti għat-talba kontenuta f'din iċ-ċitazzjoni ;

Illi għaldaqstant l-attriċi qed tipproċedi għal din il-kawża ai termini ta' l-Artikolu 167 et seq tal-Kodiċi ta' l-Organizazzjoni u proċedura Ċivili u qed titlob ai termini ta' l-Artikolu 167 illi din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tgħaddi għad-deċiżjoni ta' din il-kawża bid-dispensa mis-smiegħ .

Talbet lill-konvenut jgħid għaliex m'għandiex din il-Qorti :

1. Tiddeċidi din il-kawża bid-dispensa mis-smiegħ ai termini ta' l-Artikolu 167 et seq tal-Kodiċi ta' l-Organizazzjoni u Proċedura Ċivili ;

2. Tiddikjara lill-konvenut debitur fil-konfront ta' l-attriċi fl-ammont ta' tlett elef lira Maltin (Lm 3,000) ;

3. Tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attriċi din is-somma, bl-interess legali fuq l-istess somma sad-data ta' l-effettiv pagament .

Bl-ispejjeż inklużi dawk ta' l-ittra uffiċjali tad-dsatax (19) ta' Awissu tas-sena elfejn u tlieta (2003) u bl-inġunzjoni għas-subizzjoni li għaliha minn issa inti nġunt .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-attriċi, konfermata bil-ġurament tagħha .

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut li permezz tagħha eċċepixxa illi :

1. Illi ċ-ċitazzjoni odjerna hija nulla u dina l-Onorabbli Qorti ma tistax tieħu konjizzjoni tagħha u dana peress illi tikkomprendi fiha causa illeċita, kif jiġi pruvat dettaljatament waqt is-smiegħ tal-kawża ;
2. Illi l-oltre dana l-użura llum huwa reat kriminali kontemplat speċifikament fil-liġi ta' pajjiżna u għaldaqstant dina l-Onorabbli Qorti lanqas għandha tieħu konjizzjoni tal-istess kawża, anzi għandha tordna lill-Kummissarju tal-Pulizija jinvestiga dana l-każ skond il-liġi u dana peress illi m'huwiex permess ingħax ta' sittax fil-mija (16%) fis-sena .

3. Illi, mingħajr ebda preġudizzju għal premess, l-attur jeċepixxi l-intempestivita' tal-azzjoni peress illi fl-istess skrittura privata tas-16 ta' Awissu 2002 l-attur ingħata l-fakulta' li ma jħallasx purche' li jħallas imgħax ta' sittax 916) fil-mija fis-sena . Għaldaqstant japplikaw il-provedimenti tal-Kodiċi Ċivili dwar it-terminu meta għandu jsir il-ħlas u r-rata tal-imgħax x'għandha tkun .

Salvi eċċezzjonijiet oħra fid-dritt u fil-fatt .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti tal-konvenut maħlufa minnu .

Rat il-verbal tal-konvenut tat-8 ta' Ġunju 2004 fejn irtira l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet tiegħu .

Rat il-verbal tagħha tas-16 ta' Novembru 2005 fejn ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza .

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża, inklużi d-dokumenti esebiti u verbali tax-xhieda mismugħa .

Ikkunsidrat :

Illi permezz ta' din il-kawża l-attriċi qed titlob mingħand il-konvenut il-ħlas tal-flus li hu intrabat li jagħtiha ai termini

ta' skrittura privata ffirmata fis-16 ta' Awissu 2002[1] . Il-kontendenti pero' mhumiex jaqblu dwar l-interpretazzjoni ta' din l-iskrittura, għax filwaqt illi l-attriċi ssostni illi skond l-istess skrittura, dan il-ħlas kellu jsir fi żmien sena mid-data ta' l-istess skrittura, kif stipulat fil-paragrafu ta' qabel ta' l-aħħar, il-konvenut jikkontendi illi l-aħħar paragrafu jagħtih l-għażla li jħallas meta jrid, u allura għandhom japplikaw il-provvedimenti tal-Kodiċi Ċivili dwar it-terminu meta għandu jsir il-ħlas .

Dan l-aħħar paragrafu ta' l-iskrittura tas-16 ta' Awissu 2002, jgħid testwalment :

"*F'każ illi l-pagament tas-somma ta' tlett elef lira maltija (Lm3000) u l-imgħax dovut fuq l-istess somma ma jsirx fi żmien sena mid-data ta' dan il-ftehim, il-partijiet jaqblu illi għandu jibda jiddekorri l-imgħax ta' sittax fil-mija (16%) fuq l-istess somma dovuta" .*

Jekk tiġi aċċettata t-teżi tal-konvenut, ikun ifisser skond l-artikolu 1078(a) tal-Kap. 16, illi l-ħlas kellu jsir fi żmien sitt snin u mhux sena, u għalhekk tiġi illi l-azzjoni ta' l-attriċi illi saret inqas minn sena u nofs mid-data ta' l-iskrittura in kwistjoni, hija ntempestiva .

Irid jiġi għalhekk stabilit jekk dan l-aħħar paragrafu fl-iskrittura *de quo* kienx tassew ifisser illi, minkejja dak li kien intqal fil-paragrafu preċedenti, l-konvenut kien qed jingħata l-fakolta' li jħallas meta jrid, kif jidher illi qed jippretendi f'din il-kawża .
Sew l-attriċi kif ukoll il-legali tagħha li kienet kitbet din l-iskrittura, jsostnu fix-xhieda tagħhom illi fl-ebda mument ma kien hemm l-intenzjoni li jagħtu diskrezzjoni lill-konvenut li jħallas dak dovut minnu meta jrid . Anzi ċ-ċirkostanzi kienu illi l-attriċi kienet preokkupata ħafna illi kienet daħlet fi djun li ma setgħetx tonora minħabba illi l-konvenut ma kienx żamm ma' kundizzjoni fil-kuntratt ta' separazzjoni ta' bejniethom, fejn kien intrabat illi jagħtiha s-somma ta' sebat'elef lira maltija (Lm7000) fi żmien tliet

[1] Dok. A a fol. 6 tal-process .

snin[2] . Dawn it-tlett snin kienu għalqu appuntu fil-20 ta' Gunju 2002 u dakinhar il-konvenut kien għad baqagħlu jagħtiha t-tlett elef lira maltija (Lm3000) mertu tal-kawża preżenti . Kien għalhekk illi saret l-iskrittura in kwistjoni fejn, il-konvenut ingħata terminu ieħor ta' sena, għax qal li ma setgħax iħallas, u ddaħħlu l-imgħaxijiet li ma kienux issemmew fil-kuntratt ta' separazzjoni . Ikomplu jsostnu illi dan l-aħħar paragrafu kien ġie miżjud fuq insistenza tal-konvenut, wara li l-attriċi kienet wriet il-preokkupazzjoni tagħha dwar x'kellu jiġri f'każ illi huwa jerġa' ma jonorax l-obbligazzjoni tiegħu assunta fuq l-istess skrittura u jħallas fi żmien sena . Infatti jgħidu illi l-konvenut tant kien konvint li ser iħallas kif miftiehem, illi kien pront iħallas anke imgħax doppju f'każ ta' inadempjenza .

Imbagħad fix-xhieda tiegħu in kontro-eżami l-konvenut jammetti inekwivokament illi huwa kellu jħallas l-ammont mitlub sad-data miftehma . Dan joħroġ mid-domanda tal-legali ta' l-attriċi u r-risposta għaliha fis-sens illi :

Domanda : "*Sewwa . Li kellek tħallasha sa ċertu data, kif indikat fil-ftehim, hux hekk* ?

Xhud : *Hekk hu*." [3]

F'tali ċirkostanzi l-Qorti ma jibqagħalha ebda dubbju illi l-vera intenzjoni tal-kontendenti kienet illi l-ħlas kellu jsir fiż-żmien stipulat fl-iskrittura in kwistjoni, u li l-konvenut ma kien qed jingħata ebda fakolta' li jħallas meta jrid, bil-konsegwenza illi l-aħħar paragrafu ta' l-iskrittura kien għal kollox superfluwu .
Billi għalhekk l-artikolu 1078(a) tal-Kap.16 mhux applikabbli għal każ in eżami, l-attriċi kellha kull dritt tintavola l-kawża preżenti wara l-għeluq taż-żmien ta' sena konċess għall-ħlas .

Għal dawn il-motivi tiddeċidi l-kawża billi, filwaqt illi tiċħad l-eċċezzjoni tal-konvenut, tilqa' t-talbiet attriċi u :

---

[2] ara Dok. C a fol. 8 tal-process .
[3] ara xhieda tal-konvenut a fol. 55 tal-process .

(i) tiddikjara lill-konvenut debitur fil-konfront ta' l-attriċi fl-ammont ta' tlett elef lira maltija (Lm3000), u
(ii) tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attriċi din is-somma, bl-interessi legali fuq l-istess somma b'effett mill-wieħed u għoxrin (21) ta' Ġunju tas-sena elfejn u tnejn (2002) sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjeż, inklużi dawk ta' l-ittra ufficjali tad-19 ta' Awissu 2003, kontra l-konvenut .

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------